# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 8**
**Rikors maħluf numru 305/2020/1GM**

**Aġenzija għal Infrastruttura Malta**
***v.***
***Appalitalia Srl Unipersonale TID 109520 ****

**u b'digriet tal-15 ta' Diċembru 2023 l-isem tas-soċjetà konvenuta għandu jaqra Appaltitalia.*

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2022 illi laqgħet talba tal-aġenzija attriċi u ikkundannat lill-konvenuta appellanti tħallas danni ta' tmienja u sittin elf u tlieta u tletin euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€68,033.93) talli naqset milli tidħol f'kuntratt mal-attriċi meta l-offerta tagħha ntlaqgħet wara sejħa għal offerti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-aġenzija attriċi għamlet sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku. Fost il-kondizzjonijet tas-sejħa hemm dawk li jgħidu hekk:

> »The recommended bidder must maintain his tender for a further 60 days from the date of notification of the award.
>
> »In instances where no bid bond is requested and the recommended tenderer withdraws his offer between the deadline for submission and the date of expiry of the validity of the tender, he shall be liable for payment of any difference between his offer and the awarded offer.«

3. Fil-każ tallum ma ntalbitx *bid bond*.

4. Is-soċjetà konvenuta, fost oħrajn, tefgħet offerta. B'ittra tas-6 ta' Mejju 2019 – *letter of intent* – l-aġenzija attriċi għarrfet lill-konvenuta illi l-offerta tagħha ntlaqgħet, u sejħitilha "… *to collect two copies of the contract. These copies are to be duly signed and returned within two weeks at our offices together with the performance guarantee*".

5. B'ittra tat-23 ta' Mejju 2019 il-konvenuta wieġbet hekk:

> »I undersigned Modica Sebastiana, legal representative of *Appaltitalia Srl Unipersonale*, apologise but I must renounce to the following tenders:
>
> »… … …
>
> »We regret not being able to carry out these jobs as they coincide with other work commitments already begun. Moreover It became impossible to accept this tenders (*sic*) because our suppliers that gave us the offers for the tenders as (*sic*) now asking a price for the material much more higħer (*sic*) than the moment when we submitted the tender offers and moreover in this period we were awarded of (*sic*) different tenders that don't give us the possibility to accept this tenders (*sic*).«

6. Billi dehrilha illi meta rtirat l-offerta l-konvenuta naqset mill-obbligazzjonijet lejha, u minħabba f'hekk hi ġarrbet danni, l-aġenzija attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi s-soċjetà konvenuta permezz tar-rinunzja tagħha ikkawżat danni lill-esponenti;
>
> »2. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-esponenti kawża tal-istess rinunzja;
>
> »3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lill-esponenti;
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

7. Il-konvenuta wieġbet hekk:

> »1. Preliminarjament …, l-aġenzija attriċi għandha tiddikjara b'mod ċar u dirett is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa sabiex is-soċjetà intimata tkun f'posizzjoni li tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet imressqa minnha. Konsegwentement is-soċjetà intimata esponenti qiegħda tirriserva li titlob il-permess lil dina l-qorti sabiex tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, wara li l-aġenzija attriċi tkun iddikjarat is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa.
>
> »2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'riferenza għall-allegat nuqqas ta' osservanza tal-*buona fede* mis-soċjetà intimata, jiġi eċċepit li s-soċjetà esponenti intimata konsistentement aġixxiet bi *buona fede* assoluta u impekkabbli tant li meta stqarret li hija kienet qiegħda tirrinunzja għall-offerta tagħha waqt l-laqgħa mal-ogħla uffiċjali tal-aġenzija rikorrenti attriċi, hija spjegat b'mod skjett u sinċier x'kienu l-motivazzjonijiet u r-raġunijiet wara tali rinunzja, fosthom dik prinċipali, li hija tpoġġiet fl-impossibilità tesegwixxi x-xogħlijiet kawża ta' diversi fatturi li la kienu u lanqas huma fil-kontroll tagħha. Huwa magħruf u aċċettat illi l-liġi ma taċċettax li xi ħadd jiġi mġiegħel jagħmel dak li huwa impossibli (*lex non cogit ad impossibilia).*
>
> »3. Is-soċjetà esponenti intimata fil-laqgħa li kellha mal-aġenzija rikorrenti attriċi u fl-iskambju ta' kommunikazzjonijiet li segwa insistentement u kostantement aċċennat għall-fatt li hija kienet sfat vittma ta' prattiċi ta' limitazzjoni ta' kummerċ *(restriant of trade* perpetwati minn fornituri tal-bitum *(bitumen)* f'Malta. Dan se jiġi spjegat f'aktar dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawza. Ikkunsidrat il-fatt li, skont ma jirriżulta kemm mill-ittra uffiċjali tal-aġenzija rikorrenti attriċi u kif ukoll mir-rikors ġuramentat tal-istess aġenzija, ix-xogħlijiet fuq it-toroq oġġett tal-offerta pubblika qed jiġu finanzjati mill-Unjoni Ewropea, is-soċjetà esponenti konvenuta ser tressaq ilment dwar dawn il-prattiċi quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni Ewropea ġaladarba l-aġenzija rikorrenti attriċi ħasset li kellha tipproċedi ġudizzjarjament.
>
> »4. Barra minnhekk ġie aċċennat ukoll mis-soċjetà intimata li fid-dokument spjegattiv b'rabta mal-bandu tal-offerti kienu jeżistu numru ta' inkongruwenzi u travizamenti li huma materjalment u sostanzjal-ment preġudizzjevoli għal dak li lilu jiġi assenjat l-appalt. Ewlenija hija l-mankanza ta' indikazzjoni u spjegazzjoni dwar l-oneru ta' żmaltiment tal-materjal estratt mit-toroq u l-piż finanzjarju għal dan l-oneru. Jidher li din l-indikazzjoni u spjegazzjoni hija nieqsa għax, minn investigazz-joni li saret mis-soċjetà intimata, il-prattika kostanti fir-rigward ta' ri-asfaltar ta' toroq rurali hija li l-konkos u l-asfalt jitpoġġa mingħajr ebda skavar anke jekk l-ispiża tal-iskavar tkun ġiet kompriża u inkluża fil-prezz. Din hija prattika li s-soċjetà intimata tikkunsidra bħala waħda irregolari u li hija ma kinitx disposta li ssegwi sabiex timmitiga l-piż finanzjarju forzat fuqha mill-forrrituri tal-bitum kif fuq spjegat. Dan kollu ser jiġi spjegat f'dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.
>
> »5. Irriżultat ukoll differenza notevoli bejn il-kwantitajiet previsti fid-dokument spegattiv u l-pjanti annessi, u dawk effettivament u materjalment riżultanti fil-post. Id-differenza hija ta' tnejn għal wieħed. Din id-differenza hija riflessa fid-differenza fil-prezz bejn l-aħjar offerta u dik li ssegwi. Dan kollu ser jiġi spjegat f'dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.«

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »1. tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;
>
> »2. tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta permezz tar-rinunzja tagħha ikkawżat danni lill-esponenti;
>
> »3. tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-esponenti kawża tal-istess rinunzja fis-somma ta' €68,033.93;
>
> »4. tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas id-danni hekk likwidati lill-attriċi;
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Permezz tar-rikors ġuramentat tagħha, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta qiegħda titlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' danni li tallega li sofriet wara li l-konvenuta rrifjutat li tersaq għal kuntratt wara li rebħet *tender* għal xogħol ta' tqegħid ta' *bitumen* fit-toroq wara sejħa pubblika għall-offerti.
>
> »Il-fatti ewlenin li taw lok għal din it-talba jinstabu allegati fil-premessi tal-istess att promotur u li ma ġewx ikkontestati, huma dawn:
>
> »- L-attriċi ppubblikat *tender* bir-referenza IM001/2019 (*Tender for resurfacing works of various rural roads*) liema *tender* kien jinkludi numru ta' *lots*. Permezz ta' proċess ta' evalwazzjoni, l-esponenti għażlet l-offerta tas-soċjetà konvenuta fir-rigward *lots* 5, 6 u 7, liema għażla saret fil-perjodu tad-90 jum ta' validità tat-*tenders*.
>
> »- … … … l-istess soċjetà konvenuta aċċettat illi tesegwixxi x-xogħlijiet fir-rigward tal-imsemmija *lots*, liema aċċettazzjoni saret ukoll fil-perjodu tad-90 jum ta' validità tal-offerti sottomessi. Wara din l-aċċettazzjoni, kien jonqos biss illi s-soċjetà konvenuta tiġbor l-istess kuntratti u tirrritornahom iffirmati, hekk kif jidher ċar mill-*letter of intent* … … …
>
> »- Dan in-nuqqas li tiffirma jikser l-artikolu 8, imsejjaħ 'Perjodu ta' Validità tal-Offerti' (*Period of Validiy of Tenders*) tal-*General Rules Governing Tenders*, li jistipula li l-offerenti huma marburta bl-offerta li huma jissottomettu għal perjodu ta' disgħin (90) jum.
>
> »Fil-qosor, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta huma li:
>
> »1. l-attriċi għandha tiċċara t-tip t'azzjoni minnha promossa.;
>
> »2/3. il-konvenuta dejjem aġixxiet in bona fede. Tpoġġiet fl-impossibilità li tesegwixxi x-xogħlijiet kawża ta' diversi fatturi li ma kellhiex kontroll fuqhom, inklużi prattiċi ta' limitazzjoni ta' kummerċ (*restraint of trade*);
>
> »4. fid-dokument spjegattiv b'rabta mal-bandu tal-offerti jeżisti numru ta' inkongruwenzi u travizżamenti;
>
> »5. kien hemm differenza notevoli bejn il-kwantitajiet previsti fid-dokument spjegattiv u dawk materjalment riżultanti fil-post.

»B'reazzjoni għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, waqt l-udjenza tat-22 ta' Settembru 2020 l-avukat tal-attriċi ddikjarat li l-azzjoni promossa hija waħda *ex contractu.* Dan b'kuntrast mal-premessa fir-rikors ġuramentat li fiha l-attriċi ddikjarat li jinħtieġ li jkun hemm il-bona fede anke fil-fażi pre-kuntrattwali. Imbagħad, waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-abbli avukat tal-konvenuta saħaq li l-azzjoni promossa mill-attriċi hi abbażi ta' responsabilità pre-kontrattwali, u mhux kuntrattwali, għas-sempliċi raġuni li l-kuntratt kien għadu mhux iffirmat u li t-talbiet tal-attriċi huma konsegwenzjali għar-rifjut tal-konvenuta li tiffirma l-kuntratt. Hija kontradizzjoni li tiddikjara li tkun qiegħed tibbaża kawża fuq kuntratt u fl-istess nifs titlob danni talli l-kuntratt ma ġiex konkluż. Id-difensur tal-konvenuta, waqt it-trattazzjoni bil-fomm, ittratta b'mod elaborat dwar in-natura tar-responsabilità pre-kuntrattwali, kif din tiffigura fil-ġurisprudenza Maltija u l-liġi Taljana. Tenna li r-responsabilità pre-kuntrattwali tiskatta minn nuqqas ta' bona fede waqt in-negozjati ta' qabel il-kuntratt u m'għandha x'taqsam xejn mal-ezekuzzjoni tal-kuntratt.

»Id-diverbju bejn il-partijiet iżda huwa iktar wieħed semantiku milli ta' sustanza legali. Tassew li t-talba mhix marbuta man-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt imma hi relatata mal-fażi tan-negozjati. Fażi din pre-kontrattwali; iżda fażi regolata minn normi preċiżi magħmula in forza tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi li kull offerent ikollu jiddikjara li qiegħed jaċċetta u l-konsegwenza tan-nuqqas li offerent jersaq għall-kuntratt hija ċara: skont paragrafu 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders*, maħruġ mid-Dipartiment tal-kuntratti f'Jannar 2019:

> »"In instances where no bid bond is requested and the recommended tenderer withdraws his offer between the deadline for submission and the date of expiry of the validity of the tender, he shall be liable for payment of any difference between his offer and the awarded offer."

»L-eċċezzjoni ewlenija tal-konvenuta hija l-forza maġġuri.

»Skont artiklu 1133 tal-Kodici Civili, id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa bil-mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni jekk jonqos milli jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu, "kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija".

»Ġie ritenut li f'każ ta' inadempjenza kontrattwali, biex id-debitur jeżimi ruħu minn kwalunkwe responsabilità jeħtieġ jipprova li l-inadempjenza tiegħu kienet dovuta għal ostaklu li ġie minn kawża esterna, li ma kienx imputabbli għalih, la direttament u lanqas indirettament, u li wkoll kien insormontabbli u imprevedibbli permezz tad-diliġenza ordinarja li huwa kien obbligat juza; għax mhux obbligat li juża' d-diliġenza straordinarja.

»Il-prinċipju tar-*rebus sic stantibus* ċjoè l-presuppożizzjoni illi l-partijiet riedu dak il-kuntratt taħt iċ-ċirkostanzi imperanti fil-mument tal-kontrattazzjoni[1] "*non può operare sul nostro diritto per riguardo a quei contratti di natura aleatoria a meno che il fatto sopravvenuto non sia*

[1] »Albert Borg Falzon *v* Charles Darmanin (1940) Vol.XXX.i.869«

*un caso fortuito di forza maggiore che renda ineseguibile l'obbligazione*"[2].

»Il-prova tal-forza maġġuri jew tal-każ fortuwitu, bħala kawża liberatriċi tar-responsabilità, għandu jagħmilha d-debitur li qed jallegaha; u l-kreditur kull ma jrid jipprova huwa l-eżistenza tal-obbligazzjoni. *Spetta* allura għad-debitur li jressaq il-prova tal-inesegwibilità tal-obbligazzjoni minnu assunta minħabba forza irreżistibbli minnu allegata.

»Biex teqred l-obbligazzjoni, l-impossibilità trid tkun totali, oġġettiva u assoluta u ma tistax tkun tikkonsisti f'sempliċi diffikultà.

»Kull każ għandu jiġi kkunsidrat għalih peress illi ċ-ċirkustanzi ta' żmien jew ta' natura oħra jistgħu jbiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevidibbli f'każ, isir previdibbli f'każ iehor, u għalhekk l-esekuzzjoni jew l-inevitabilità ma tkunx impossibbli.

»L-għoli tal-prezz mhix raġuni valida biex tiggustifika l-*forza maggiore*[3] speċjalment fil-kuntratti aleatorji, kif inhu l-appalt, sakemm il-prezz ma jkunx tali illi jġib ħsara enormi lid-debitur[4]; meta l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ssir impossibbli jew tant gravuża għad-debitur, illi min għandu jiġġudika jara li ma jkunx ġust li d-debitur jiġi kundannat għall-adempiment tagħha"[5].

Skont l-awtur Cogliolo[6]:

> "L'aggravamento del rischio, l'obbligo di maggiori spese, lo scomparire di ogni guadagno del venditore, non sono ragioni di rottura del contratto … Sarebbe un errore dire che le difficoltà, sien pure grandi, della prestazione esonerano dal compierla; ma sarebbe pure un errore il dire che per l'esonero ci vuole l'assoluta obiettiva impossibilità. Tocca al magistrato caso per caso … Di più, il diritto non può dire, né una formola più ricca di contenuto è possibile dare; il resto è lasciato all *arbitrium judicis*."

»Il-konvenuta ssostni li l-fornituri tal-*bitumen* tawha kwotazzjonijiet mod qabel ma tefgħet l-offerta tagħha, u kwotazzjonijiet ferm ogħla wara li rebħet it-*tender*. Lil din il-qorti, il-konvenuta ma semmietx b'kemm ogħla, u x'effett seta' kellha fuqha. Lanqas semmiet min kienu l-fornituri. Tgħid li ma jistax ikollha prova għaliex il-kwotazzjonijiet isiru bil-fomm u qatt bil-miktub. Il-kwotazzjonijiet iktar għolja saru apposta biex iġegħluha tirreċedi mill-kuntratt. Din l-istqarrija tal-konvenuta mhijiex waħda inverosimili. B'danakollu, dawn l-asserzjonijiet ġenerici ma jsarrfux fil-prova li d-debitur mistenni jġib biex jipprova l-forza maġġuri.

»L-Inġinier Frederick Azzopardi, *CEO* tal-attriċi, meta l-konvenuta rrifjutat li tiffirma l-kuntratt, bagħat għaliha u semmietlu din il-problema. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm Christine Friggieri, *Head of*

---

2 »Bonello *v.* Depiro [1920] Vol. XXIV.i.379«

3 »Direttur tal-Kuntratti *v. Office Electronics Ltd* 22.10.2004 Prim'Awla; Grech *v.* Muscat 06.10.2005 Prim'Awla; Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment tas-Saħħa *v.* Anthony Borg 26.06.2015 Qorti tal-Appell (Superjuri)«

4 »Vol. XXXI.i.554«

5 »Vol. XXXI.I.467«

6 »Cogliolo, *Scritti di Diritto Privato* ikkwotat fil-kawża Consiglia Fenech *v.* Angelo Carabott (1941) Vol. XXXI.i.467«

*Procurement and HR*, u Roderick Caruana, *Head of Coordination*, it-tnejn tal-attriċi.

»Is-*CEO* talab lill-konvenuta tagħtih isem jew ismijiet ta' min għolla l-prezz tal-*bitumen*; wegħditu li kienet sejra 'ttihomlu iżda ma tatu xejn. F'dak l-istadju, ma kienx ikollha bżonn il-grad ta' prova li tkun tinħtieġ quddiem qorti. L-Inġinier Azzopardi kien f'qagħda ferm influwenti li jikkuntattja lil dawn il-fornituri u possibilment jikkonvinċihom jimmoderaw il-prezz. Għalhekk din il-qorti, anke jekk disposta temmen dak li qalet il-konvenuta, xejn ma hi konvinta s-sitwazzjoni kienet għal kollox barra mill-kontroll tal-konvenuta, u li l-konvenuta għamlet dak li setgħet biex tegħleb dan l-iskoll. Huwa rilevanti li qabel ma tat ir-raġuni tal-għoli tal-prezz, il-konvenuta, fl-ittra tat-23 ta' Mejju 2019, semmiet raġuni oħra: "*We regret not being able to carry out these jobs as they coincide with other work commitments already begun*". Raġuni li titfa' dubju kemm fil-fatt il-konvenuta kienet lesta xxammar il-kmiem u tmidd idejha għax-xogħol tal-appalt in kwistjoni.

»Il-konvenuta teċċepixxi wkoll il-mankanza ta' indikazzjoni u spjegazzjoni dwar l-oneru ta' żmaltiment tal-materjal estratt mit-toroq u l-piż finanzjarju għal dan l-oneru. Allegat li din l-indikazzjoni u spjegazzjoni kienet nieqsa għax, minn investigazzjoni li saret minnha stess, il-prattika kostanti fir-rigward ta' riasfaltar ta' toroq rurali hija li l-konkos u l-asfalt jitpoġġa mingħajr ebda skavar anke jekk l-ispiża tal-iskavar tkun ġiet kompriża u inkluża fil-prezz. Din hija prattika li s-soċjetà intimata tikkunsidra bħala waħda rregolari u li hija ma kinitx disposta li ssegwi sabiex timmitiga l-piż finanzjarju forzat fuqha mill-fornituri tal-bitum kif fuq spjegat.

»Ma jirriżultax li l-konvenuta ressqet dan l-ilment quddiem is-*CEO*. Roderick Caruana fl-*affidavit* tiegħu, mhux kontradett, xehed hekk:

> »"5. Ngħid illi għaldaqstant *Infrustructure Malta* ma kien fadlilha l-ebda għażla oħra ħlief li tipproċedi legalment permezz ta' ittra uffiċjali u rikors. Kien proprju hawnhekk illi l-kuntrattur allega illi se jbati piż finanzjarju minħabba l-mankanza ta' indikazzjoni u spjegazzjoni dwar l-oneru ta' żgumbrament ta' materjal estratt mit-toroq – din l-allegazzjoni qatt ma ssemmiet waqt il-laqgħa tad-19 ta' Ġunju 2019. Nikkonferma wkoll li l-kuntratur qatt ma talab kjarifika dwar din il-materja qabel d-data tal-għeluq tal-offerti. Apparti minn hekk, il-kuntrattur seta' faċilment ġab din il-materja a konjizzjoni ta' *Infrustructure Malta* wara li t-*tender* intrebaħ minnu u, f'każ illi ma kienx ikun qbil dwar l-istess materja, kien hemm ukoll il-possibbiltà li mmorru artbitraġġ minflok jagħżel li jirrinunzja l-offerta tiegħu.
>
> "6. Ngħid ukoll illi sar skavar fir-rigward ta' dawn ix-xogħlijiet rurali … … …«

»Iktar importanti minn hekk, il-konvenuta kellha d-dritt li titlob kjarifika tal-klawżoli kuntrattwali fl-istadju tal-offerti, u, ġaladarba naqset milli tagħmel dan, ma tistax tressaq aggravju bħal dan wara li jkun għalaq iż-żmien tas-sejħa għall-offerti.

»Fl-aħħarnett il-konvenuta teċċepixxi li rriżultat differenza notevoli bejn il-kwantitajiet previsti fid-dokument spjegattiv u l-pjanti annessi u dawk effettivament u materjalment riżultanti fil-post. Id-differenza hija ta' tnejn għal wieħed. Din id-differenza hija riflessa fid-differenza fil-prezz bejn l-aħjar offerta u dik li ssegwi.

Għal dan wieġeb ukoll Roderick Caruana:

> »"Ngħid ukoll illi l-kuntratti ffirmati bejn *Infrustructure Malta* u kwalunkwe kuntrattur dejjem ikunu *re-measured based contracts*. Eventwalment, meta x-xogħlijiet ikunu tlestew, is-sezzjoni tal-*Quantity Surveying* fi ħdan *Infrastructure Malta* tmur fuq il-post inkwistjoni sabiex tkejjel preċiżament tali xogħlijiet. Għaldaqstant, f'każ illi jkun hemm xi differenzi bejn (i) il-kwantitajiet previsti fid-dokument spjegattiv u l-pjanti annessi u (ii) il-kwantitajiet effett-ivament u materjalment riżultanti fuq il-post, il-kuntarttur jitħallas abbażi tal-kwantitajiet riżultanti fuq il-post wara li jkunu tlestew tali xogħlijiet."

»Id-danni huma pre-likwidati: kif diġà' ngħad, skont reg. 12.3 tal-*General Rules Governing Tenders*, maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti f'Jannar 2019: "*he shall be liable for payment of any difference between his offer and the awarded offer*". Id-danni huma bejn l-ammont tal-offerta tal-offerent li mar lura milli jiffirma l-kuntratt u l-offerta ta' warajh. Irrilevanti kemm imbagħad fil-fatt tħallas it-tieni offerent. F'dan il-każ, l-attriċi rriduċiet l-ammont minnha mitlub għal €68,033.93 … … …«

10. Il-konvenuta appellat b'rikors tat-28 t'Ottubru 2022 li l-aġenzija attriċi wieġbet għalih fid-29 ta' Novembru 2022.

11. L-aggravji tal-appell ġew mfissra hekk:

»Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li rikors ġura-mentat għandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża sabiex isaħħah it-talba tiegħu u li kull att ġudizzjarju ma għandux ikun nieqes minn partikolaritajiet essenzjali espressa-ment meħtieġa mil-liġi. L-azzjoni hija kontenuta fil-premessi u fit-talbiet li għalihom iwasslu. Irid jirriżulta n-ness ġuridiku bejn il-premessi u t-talbiet b'mod li r-rekwiżit proċedurali indikat fl-imsemmi artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta [*sic*]. Huwa wkoll meħtieġ *ad sub-stantia*[*m*] *et validitatem* illi l-azzjoni tkun waħda identifikabbli fil-liġi, fil-paramerti tar-rikors ġuramentat kif redatt. Dawn l-elementi huwa kollha ta' ordni pubbliku u jinħtieġ li jiġu segwiti sostantivament u għall-finijiet tal-validità tal-azzjoni. Isegwi għalhekk li fid-domanda jinħtieġ li jiġu esposti l-fatti kostituttivi u l-fatti leżivi tad-dritt soġġettiv li tiegħu tkun qiegħda tintalab it-tutela tal-liġi u dan flimkien mar-raġunijiet ta' dritt. L-oġġett tar-rikors ġuramentat kif ġie deċiż mill-qrati tagħna f'diversi kawżi tul is-snin huwa dak li effettivament jiġi mitlub, filwaqt li l-kawża ġuridika għal dak miltub jew ahjar il-*fundamentum agendi*, ossija l-oriġini tat-talba, hija l-kawża tad-domanda. Isegwi li l-parametri tal-kawża jiġu ffissati u allura ċirkoskritti mill-kawżali ossija l-kawża tad-domanda u mid-domanda nfisha.

»Qari u eżami tar-rikors ġuramentat tal-aġenzija appellata juri b'mod ċar u inkonfutabbli li l-fundamentum agendi u allura l-oriġini tat-talba għal dikjarazzjoni ta' responsabilità għal danni kkawżati fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija bbażata u fondata fuq responsabilità pre-kuntrattwali. L-aġenzija tgħid hekk fir-raba' kawżali tagħha:

»"Il-bwona fede għandha tiġi osservata miż-żewġ partijiet mhux biss fil-konklużjoni u fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt iżda anke fil-fażi pre-kuntrattwali. Illi individwu jagħżel kappriċċożament illi ma jersaqx għall-iffirmar ta' kuntratt, sempliċement għaliex m'għamilx ġestjoni tajba qabel aċċetta l-istess offerta, mhix raġuni valida biex ma tersaqx għall-konklużjoni tal-istess kuntratt."

»Kien proprju *in vista* ta' din il-kawżali prinċipali tal-aġenzija appellata li s-soċjetà konvenuta preliminarjament eċċepiet li l-aġenzija kellha tiddikjara b'mod ċar u dirett is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa, sabiex is-soċjetà konvenuta tkun f'posizzjoni li tressaq ir-risposta tagħha għat-talbiet imressqa minnha. Konsegwentement is-soċjetà konvenuta esponenti appellanti rriżervat li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, wara li l-aġenzija rikorrenti attriċi tkun iddikjarat is-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa.

» L-aġenzija appellata permezz ta' nota ddikjarat li s-sors tad-dritt tal-azzjoni minnha promossa hija dik ta' responsabilità *ex contractu*.

»Segwitu għal dina d-dikjarazzjoni da parti tal-aġenzija appellata s-soċjetà konvenuta esponenti ppreżentat risposta maħlufa ulterjuri li permezz tagħha eċċepiet illi r-responsabilità pre-kuntrattwali ma tiffigurax f'ambitu u fl-isfera tar-responsabilita kuntrattwali billi r-responsabilità pre-kuntrattwali ma ssibx l-oriġini u t-twelid tagħha f'xi obbligu miftiehem u kkuntrattat bejn il-partijiet iżda tiskatta konsegwenti għar-rapport ġuridiku li jiġi instawrat bejn il-partijiet parteċipi fit-trattativi, f'fażi ta' pre-kuntratt. L-argument tal-aġenzija appellata, kontenut fl-imsemmija dikjarazzjoni tagħha, li s-soċjetà konvenuta esponenti kienet marbuta bl-offerta li hija kienet ssottomettiet, tik-kostitwixxi kontrosens fil-kuntest tal-azzjoni promossa għall-dikjarazzjoni u kundanna ta' responsabilità pre-kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta esponenti, billi jekk l-offerta kienet tikkostitwixxi rabta allura l-azzjoni li l-aġenzija attriċi kellha tippromwovi kellha tkun dik għall-esekuzzjoni tal-offerta u mhux dik għall-dikjarazzjoni, imputazzjoni u kundanna kawża ta' responsabilità pre-kuntrattwali.

» Ir-responsabilità pre-kuntrwattwali ma ssibx l-oriġini u t-twelid tagħha f'xi obbligu miftiehem u kkuntratat bejn il-partijiet izda tiskatta konsegwenti għar-rapport ġuridiku li jiġi instawrat bejn il-partijiet parteċipi fit-trattativi, f'fażi ta' pre-kuntratt. Ir-responsabilità pre-kontrattwali hija bbażata fuq principji u regoli ta' komportament u mhux ta' esekuzzjoni, regoli ta' aġir in bwona fede kif tippremetti u tiddikajra l-istess aġenzija appellata fil-kawżali tar-rikors ġuramentat tagħha. Ir-responsabilità li wieħed jaġixxi in *buona fede* ma tipproteġix u tissalvagwardja l-interessi inerenti l-adempiment tal-kuntratt; izda tissalvagwardja l-korrettezza u l-ekwità fin-negozjati u d-dritt tal-parti li ma tidħolx f'negozjati li jistgħu jirriżultaw futili kawża tan-nuqqas ta' bwona fede tal-parti l-oħra jew tal-intenzjoni ġenwina li parti milli tikkonkludi kuntratt. Issa l-obbligu tal-bwona fede huwa obbligu ġenerali, il-bwona fede ma tistax tiġi stabbilita *a priori* u tiddependi fuq il-fattispeċi tal-każ u l-eżistenza tagħha trid tiġi determinata u ġudikata mill-ġudikant.

»Dejjem ġie interpretat u applikat illi r-responsabilità għad-danni fl-ambitu tar-responsabilità pre-kuntrattwali sseħħ f'żewġ okkażjonijiet:

»i. fejn parti twaqqaf in-negozjati mingħajr raġuni valida; jew

»ii. fejn parti konsapevoli ta' raġunijiet ta' invalidità tal-kuntratt tonqos li tinforma l-parti l-oħra.

»L-espressjoni *culpa in contrahendo*, kif ir-responsabilità pre-kuntrattwali hija frekwetement riferita, titkellem dwar *culpa*, kolpa li tindika li din ir-responsabilità hija bbażata fuq in-nuqqas, il-kolpa. Il-kolpa hija l-mod komportamentali u ta' aġir li huwa kontra il-liġi, li intenzjonalment iwassal għall-eżitu kontra l-liġi jew in-nuqqas li wieħed jaġixxi b'mod li jipprevjeni eżitu jew riżultat kontra l-liġi. Il-kolpa hija dejjem konfigurabbli ma' responsabilità delittwali jew kwazi delittwali Il-ksur tal-dmir u l-obbligi pre-kuntattwali tal-bwona fede u dak tal-kolpa ma humiex elementi indipendenti iżda huma elementi li jikkomplementaw ruħhom. Il-kolpa sservi sabiex tiddetermina u tillimita d-dover u dmir tal-bwona fede fil-fażi pre-kuntrattwali. Il-*culpa in contrahendo* hija karetterizżabbli bhala istitut partikolari u speċjali bbażat fuq responsabilità fiduċjarja. Hija konfigurabbli bħala responsabilità kważi-kuntrattwali fejn in-nuqqas u l-ksur ma jiġix infurzat iżda jiġi ripreż jew irkuprat. Kif stqarret il-Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021 fil-kawża fl-ismijiet <u>*Attard Services Limited vs Shell & MOH Aviation Fuels A.E*</u> il-prinċipju tal-*culpa in contrahendo* ossija responsabilità pre-kontrattwali isib l-applikazzjoni tiegħu fil-kunċett ta' delitt jew kważi-delitt u anke llum, fl-Italja, jingħad li l-artikolu 1337 huwa esposizzjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' *nemimem lædere* sanċit anke fil-Kodiċi Ċivili Malti. u l-Qorti tal-Appell tkompli "il-ġurisprudenza Taljana hija wkoll konformi mat-teorija li '*la responsabilità precontrattuale in tutte le ipotesi riconducibili alla previsione dell'art 1337 cc va qualificata come responsabilità per fatto illecito, in quanto non si correla alla violazione di obbliġi negoziali*'".

»Isegwi minn dan kollu li l-azzjoni tal-aġenzija appellata li skond id-dikjarazzjoni u l-konstatazzjoni tagħha hija bbażata fuq regoli u prinċipji ta' responsabilità kuntrattwali tippekka b'mod serju, fondamentali, vitali u essenzjali fl-ambitu proċedurali u dan f'żewġ sferi, f'dik fejn rigorożament ma għandux ikun hemm kawżali kontradittorji u irrikonċiljabbli u fl-oħra fejn is-sors ta' dritt għall-imputablilità ta' responsabilità ma huwiex dak korrett, applikabbli, leġittimu u koerenti mal-kawżali u l-konsegwenti fattispeċi tal-każ. Infatti l-aġenzija appellata fil-kawżali prinċipali tagħha kontenuta fir-rikors ġuramentat tagħha tirreferi għall-responsabilità fl-isfera pre-kuntrattwali filwaqt li fid-dikjarazzjoni tagħha ppreżentata fil-kors tas-smigħ tal-kawża qiegħda tidentifika u tikkonstata s-sors tad-dritt li fuqu qiegħda tibbaża t-talbiet tagħha bħala dak naxxenti minn responsabilita *ex contractu*. Dawn huma żewġ posizzjonijiet kontradittorji u irrikonċiljabbli li ma jippermettux lill-azzjoni li treġġi u għalhekk jirrendu l-azzjoni promossa mill-aġenzija proċeduralment insostenibbli u nulla.

»L-istess aġenzija appellata permezz tal-imsemmija dikjarazzjoni ppreżentata minnha fil-kors tas-smigħ tal-kawża qiegħda tistqarr u tikkonstata li hija tibbaża t-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' ħtija tas-soċjetà konvenuta appellanti fuq r-responsabilità li toħroġ minn kuntratt (*ex contractu*) meta l-istqarrijiet tal-aġenzija fir-rikors ġuramentat tagħha u l-fattispeċi tal-każ juru mingħajr ebda ombra ta' dubju li kollox jinsab fl-isfera pre-kuntrattwali, sfera li hija affini ma' kwistjonijiet u ċirkostanzi ta' komportament u mhux ma inadempjenzi kuntrattwali.

» Mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq espost u b'mod subordinat għalih, f'tema ta' responsabilità pre-kuntrattwali kawża ta' obbligu *de*

*ineundo contractu* marbuta u naxxenti mit-trattattiva, id-danni tutelati huwa dawk attribwibbli għall-interess negattiv tal-parti li hija vittma tal-interuzzjoni tat-trattattiva għal raġuni inġustifikata, li jfisser allura li d-danneġġjat għandu jitqiegħed fis-sitwazzjoni li kien qabel ma ġiet interrotta t-trattativa. Speċifikatamet għall-każ odjern u fuq l-iskorta tal-prinċipju fuq espost, id-danni li l-aġenzija appellata allegatament ġarrbet u issa qiegħda tirreklama, wara l-interuzzjoni tat-trattativa, kawża u riżultat ta' inizjattivi u deċiżjonijiet meħuda minnha u ta' atti magħmula minnha, la huma tutelabli u wisq aktar reklamabli f'sitwazz-joni u ċirkostanzi fejn tiġi invokata r-responsabilità pre-kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta appellanti. Fil-kawża Saviour Fiteni *et v.* Louis Mazzitelli *et* deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju 2003 dik il-qorti wara li rriferiet għas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerċ, tas-26 ta' Novembru 1971 fil-kawża fl-ismijiet John Pullen *et v.* Manfred Gunter Matysik *et* fejn ġie affermat il-prinċipju f'tema ta' danni b'rabta' ma ksur ta' obbligu *de ineundo contractu* (obbligu li wieħed jidħol f'kuntratt) u l-kuncett ta' responsabilità pre-kontrattwali u d-dritt għad-danni (interess negattiv in kontraposizzjoni għall-interess pożittiv ossija l-benefiċċju li l-parti danneġġjata kienet tirċievi kieku l-kontratt ġie eżegwit) ċitat is-segwenti bran mill-imsemmija sentenza: "*the damage to which plaintiffs are entitled are, however, to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down, whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way they would be benefitting from an obligation which never came into existence*".

»Minn dan l-insenjament isegwi li l-aġenzija ma tistax leġittimament tippretendi l-ħlas ta' danni li hija ma kinitx għadha inkorriet meta t-trattattivi fallew. L-aġenzija attriċi qiegħda tippretendi ħlas ta' danni li hija setgħet tkun intitolata għalihom kemm-il darba s-socjeta iffirmat il-kuntratt ta' appalt u sussegwentement naqset li tonorah u tesegwih. Ġaladarba l-partijiet kienu għadhom fil-fażi purament pre-kuntrattwali, kif *del resto* tammetti u taċċetta l-istess aġenzija appellata fil-kawżali prinċipali tar-rikors ġuramentat tagħha, allura d-danni li setgħet tirreklama setgħu ikunu limitati biss għal danni li hija inkorriet sal-mument li t-trattativi fallew.

» Finalment iżda dejjem mingħajr preġudizzju jiġi sottomess li l-aġenzija appellata qiegħda tallega li s-soċjetà konvenuta appellanti naqset mid-dover tagħha ta' bwona fede meta hija għażlet li ma tersaqx għall-firma tal-kuntratt ta' appalt. Kif jingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-3 ta' Marzu 1967 fil-kawża Dr Biagio Giuffrida *et v.* Onor Dr Giorgio Borg Olivier *et* il-bwona fede hija preżunta u konsegwentement jispetta lill-aġenzija appellata li tipprova li s-soċjetà konvenuta esponenti meta għażlet li ma tersaqx għall-firma tal-kuntratt għamlet dan in mala fede. Ma nġiebet ebda prova li s-soċjetà konvenuta appellanti kienet in malafede meta hija għażlet li ma tersaqx għall-firma tal-kuntratt ta' appalt. Għall-kuntrarju mill-provi prodotti kemm mill-aġenzija appellata u kif ukoll mis-soċjetà konvenuta esponenti appellanti (dawn tal-aħħar bl-ebda mod kontradetti anzi aċċettati mill-aġenzija appellata fin-nuqqas ta' xi forma ta' kontroll permezz ta' kontro-eżami) jirriżulta ppruvat li s-soċjetà konvenuta esponenti appellanti kellha ġustifikazzjonijiet plawsibbli u kredibbli għala hija kienet għażlet li ma tersaqx għall-firma tal-kuntratt. Jinsab

ppruvat mingħajr ebda ombra ta' dubbju li s-soċjetà konvenuta esponenti appellanti hekk kif ġiet infurmata li hija kellha tersaq għall-kuntratt finali infurmat lill-aġenzija attrici li hija kienet qiegħda tir-riskontra diffikultajiet sabiex tikkonferma prezzijiet għall-fornitura ta' asfalt minn soċjetajiet fornitriċi lokali li hija kienet ingħatat prevent-ivament minn dawn l-istess socjetajiet fil-fażi tal-preprazzjoni tal-offerta u li dan kien ifisser li kienet ser tkun rinfaccjata bi prezzijiet ogħla minn dawk oriġinarjament mogħtija lilha minn dawn l-istess soċjetajiet, prezzijiet li kienu ser ipoġġuha f'impossibilità li tidħol għall-kuntratt ta' appalt previst jekk mhux bil-prospettiva inevitabbli ta' telf inġenti li kien ser ikollu konsegwenzi serji u devastanti fuq is-sostenibilità u ultima-ment l-eżistenza tagħha. Is-soċjetà konvenuta spjegat li dawn is-socjetajiet li kienu ikkommunikawlha l-prezzijiet dejjem verbalment u qatt b'mod skritt kienu direttament interessati fl-appalti li hija kienet ippartecipat għalihom bl-offerta tagħha, u għalhekk kellha suspett fondat li n-nuqqas ta' konferma tal-prezz preċedentement u prevent-ivament indikat lilha kienet mossa premeditata u mirata sabiex tpoġġi lis-soċjetà konvenuta esponenti appellanti, li dejjem kienet tiddependi mill-fornitura lokali tal-asfalt sabiex teżegwixxi l-appalt, f'diffikolatà kwantu għall-eżekuzzjoni tal-appalt. Dan kollu ġie spjegat f'laqgħa li s-soċjetà konvenuta esponenti talbet mal-aġenzija appellata. L-aġenzija attriċi talbet lis-soċjetà konvenuta esponenti tgħaddilha provi li juru li dawn is-socjetajiet ma kinux lesti li jikkonfermaw il-prezzijiet għall-fornitura tal-asfalt preċedentement u preventivament ikkommunikati lis-soċjetà konvenuta esponenti, iżda s-soċjetà konvenuta esponenti ma setgħetx tagħmel dan għad illi [*recte*, għax] l-indikazzjoni tal-prezz mis-soċjetajiet fornituri tal-asfalt dejjem ingħata verbalment minkejja li ġiet mitluba mis-soċjetà konvenuta esponenti permezz ta' *emails* li jinsabu ezebiti mal-*affidavit* ta' Salvatore Pitrolo rappreżentant tas-soċjetà konvenuta esponenti. L-aġenzija għalhekk għażlet li tipproċedi b'din il-kawża. Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawża fl-ismijiet <u>Elia Grixti *v.* Mark Grech *noe et*</u> deċiża fit-3 ta' April 1998 il-qorti ddikjarat li jkun hemm responsabilità pre-kuntrattwali jekk jikkonkorru żewġ elementi komplimentari, li l-Prim' Awla spjegat b'dan il-mod:

»1. li l-parti l-waħda li tkun inkorriet in buona fede ċertu spejjeż bl-aspettatativa ta' ftehim vinkolanti bejnha u l-parti oħra; u

»2. dik il-parti l-oħra li tkun b'kapriċċ u kważi malafede jekk mhux neċessarjament b'ingann jew b'qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reċiproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, iżda ma seħħx b'konsegwenza ta' dan il-kapriċċ. Fil-każ fejn hemm ir-rekwiżit esssenzjali tal-formalità irid infatti kważi jirriżulta mill-provi li l-unika raġuni l-għala ma hemmx rabta vinkolanti huwa proprju n-nuqqas ta' dik il-formalita' rikjesta mill-liġi u għal bqija l-ftehim ġie konsolidat.

»Mill-provi ma jirriżulta bl-ebda mod ippruvat li s-soċjetà konvenuta appellanti kienet itterminat in-negozjati b'kapriċċ, bi kważi malafede jew b'xi ingann jew b'qerq. Għall-kuntrarju s-soċjetà konvenuta espo-nenti appellanti aġixxiet b'mod trasparenti u in bwona fede assoluta u talbet laqgħa sabiex tikkommunika, tesprimi u tesponi lill-ogħla uffiċjali tal-aġenzija d-diffikulatjiet li kienet qed tirriskontra u sabiex tispjega d-

> diffikultajiet li kien ser ikollha tirrinfaċċja jekk kemm-il darba tiffirma l-kuntratt ta' appalt. L-aġenzija appellata kienet konxja li s-soċjetà konvenuta esponenti appellanti ma kinitx resqet u attendiet għal-laqgħa in malafede u b'xi ħsieb ta' ingann u qerq, tant li talbet il-provi miktuba li jevidenzjaw ir-rifjut tas-soċjetajiet fornitriċi tal-asfalt li jikkonfermaw il-prezzijiet preċedentement u preventivament ikkomunkati minnhom lis-soċjetà konvenuta esponenti appellanti. Sfortunatament għar-raġunijiet fuq imfissra provi miktuba ma setgħux jiġu fornuti. Il-fatt li provi ma setgħux jiġu fornuti ma jfissirx li s-soċjetà konvenuta esponenti appellanti aġixxiet b'kapriċċ u kważi malafede jew b'ingann jew qerq u għalhekk hija l-umli opinjoni tas-soċjetà konvenuta esponenti appellanti li ma kellux jiġi imputat lilha xi responsabilità.«

12. Tgħid ħażin il-konvenuta appellanti illi "l-kolpa hija dejjem konfigurabbli ma' responsabilità delittwali jew kważi delittwali"; nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali jista' wkoll ikun konsegwenza ta' *culpa*. L-argument illi, għax l-istitut huwa ta' "*culpa*" *in contrahendo*, mela bilfors jaqa' fl-ambitu ta' responsabilità *ex delicto vel quasi* huwa għalhekk ħażin.

13. Bla ma hemm għalfejn nidħlu fl-evoluzzjoni storika tal-kunċett tal-*culpa in contrahendo*, li turi li r-responsabilità pre-kuntrattwali hija *ex contractu*[7], biżżejjed ngħidu illi fil-każ tallum in-natura kuntrattwali tar-relazzjoni li nħolqot bejn il-partijiet hekk kif saret l-offerta u għalaq iż-żmien meta setgħet tittieħed lura[8] toħroġ mill-fatt illi biex tefgħet l-offerta tagħha l-konvenuta aċċettat il-kondizzjonijiet tas-sejħa, u b'hekk daħlet f'kuntratt preliminari. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija "pre-kuntrattwali" mhux għax hemm xi ħaġa nieqsa fiha biex issir "kuntrattwali" iżda għax ma hijiex il-kuntratt li għalih saret is-sejħa – il-"kuntratt finali" – iżda hija biss kuntratt preliminari *de ineundo contractu*, fażi ta' qabel ma jsir il-kuntratt finali: ir-rabta f'dan l-istadju ma hijiex dik ta' kuntratt "*for resurfacing works of*

---

7 Ara *e.g.* Av. Peter Fenech *noe v.* Dipartiment tal-Kuntratti, App. 29 ta' April 2016, rik. 977/2009, para. 16 *et seq.*

8 Klawsola 12.1 tal- *general rules governing tenders*; ara para. **Error! Reference source not found.**, *supra*.

*various rural roads*" iżda hija rabta li trid ħarsien tal-kondizzjonijiet tas-sejħa maħsuba biex iwasslu għall-għażla ta' min sejjer jingħata dak il-kuntratt, u fost dawk il-kondizzjonijet tas-sejħa hemm appuntu dik li tirregola x'jiġri fil-każ li l-oblatur magħżul ma jersaqx għall-formazzjoni tal-kuntratt finali. Kontra dak li tgħid il-konvenuta appellanti, dan ukoll huwa "obbligu miftiehem" li aċċettat u ntrabtet bih meta tefgħet l-offerta tagħha.

14. Lanqas ma hemm il-"kontrosens" li qiegħda tara l-konvenuta bejn il-premessi u t-talbiet tal-attriċi. Li qiegħda titlob l-attriċi ma huwiex li jitwettaq il-kuntratt finali, iżda li jitwettqu l-kondizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn oblatur – li sa issa safejn jolqot il-kuntratt finali huwa biss oblatur u mhux kuntrattur – u awtorità kontraenti sakemm isir il-kuntratt finali, fosthom il-konsegwenzi għal nuqqas bħal dak tal-konvenuta.

15. Tgħid ukoll ħażin il-konvenuta illi "jekk l-offerta kienet tikkostitwixxi rabta allura l-azzjoni li l-aġenzija attriċi kellha tippromwovi kellha tkun dik għall-esekuzzjoni tal-offerta". Li korrettement qiegħda tfittex l-attriċi ma hijiex "l-esekuzzjoni tal-offerta", għax dik l-offerta ttieħdet lura qabel ma sar il-kuntratt finali li għalhekk baqa' ma sarx; li qiegħda tfittex l-attriċi hija l-konsegwenza miftiehma fil-kuntratt preliminari *de ineundo contractu* – essenzjalment danni pre-likwidati – fil-każ li l-oblatur magħżul jieħu lura l-offerta flok jiffirma l-kuntratt.

16. Tgħid ukoll ħażin il-konvenuta illi "r-responsabilità pre-kuntrattwali ma ssibx l-oriġini u t-twelid tagħha f'xi obbligu miftiehem u kkuntrattat bejn il-partijiet": effettivament fil-każ tallum issib "l-oriġini u t-twelid tagħha" fil-kondizzjonijiet tas-sejħa – fosthom dik dwar il-konsegwenza ta' nuqqas

bħal dak tal-konvenuta – li l-konvenuta aċċettat u ntrabtet bihom meta għażlet li titfa' offerta.

17. Konsegwenza ta' dan hija illi fil-każ tallum il-kunċett ta' "interess negattiv" bħala kriterju tad-danni għal *culpa in contrahendo* ma huwiex determinanti billi d-danni huma ġà pre-likwidati bi ftehim bejn il-partijiet fil-kuntratt *de ineundo contractu*, *viz.* id-differenza fil-prezz bejn l-offerta tal-konvenuta u l-offerta finalment magħżula[9].

18. Daqstant ieħor fieragħ huwa l-argument tal-konvenuta illi hija kellha "ġustifikazzjonijiet plawsibbli u kredibbli għala hija kienet għażlet li ma tersaqx għall-firma tal-kuntratt". Huwa wisq ovvju li l-konvenuta mxiet b'leġġerezza fit-tħejjija tal-offerta tagħha.

19. Il-konvenuta tgħid illi "kienet qiegħda tirriskontra diffikultajiet sabiex tikkonferma prezzijiet għall-fornitura ta' asfalt minn soċjetajiet fornitriċi lokali li hija kienet ingħatat preventivament minn dawn l-istess soċjetajiet fil-fażi tal-preprazzjoni tal-offerta". Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, iżda, "fil-verità lanqas tressqet prova li kien hemm xi forma ta' kuntatt mal-fornituri tal-asfalt qabel ma ġiet sottomessa l-offerta mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta faċilment setgħet tressaq il-prova ta' din billi tħarrek il-persuni li verbalment allegatament tawha l-*quote* qabel is-sejħa!".

20. Ukoll jekk hu minnu dak li tgħid il-konvenuta illi kisbet stimi preventivi u illi dawn l-istimi preventivi li ngħatat kienu ngħataw biss bil-fomm, dan huwa nuqqas tal-konvenuta li jixhed leġġerezza meta tidħol biex tagħmel offerti għal kuntratt ta' mijiet ta' eluf ta' euro bla ma għandha ebda offerta bil-

[9] Klawsola 12.3 tal-*general rules governing tenders*; ara para. **Error! Reference source not found.**, *supra*.

miktub mingħand il-fornituri tagħha b'rabta li jżommu l-offerta miftuħa għaż-żmien meħtieġ sakemm jingħalqu l-proċeduri tas-sejħa.

21. Il-konvenuta tgħid illi ma setgħetx tressaq "il-provi miktuba li jevidenzjaw ir-rifjut tas-soċjetajiet fornitriċi tal-asfalt li jikkonfermaw il-prezzijiet preċedentement u preventivament ikkomunkati minnhom lis-soċjetà konvenuta". Il-qorti tasal biex tifhem illi "s-soċjetajiet fornitriċi" – kollha kemm huma – jista' jkollhom raġuni biex irrifjutaw *ex post* illi "jikkonfermaw il-prezzijiet preċedentement u preventivament ikkomunkati minnhom" – għalkemm tistenna illi l-konvenuta għall-inqas tħarrikhom biex jixhdu u r-"rifjut" jagħmluh quddiem il-qorti – iżda ma tifhimx kif operatur li jimxi bis-serjetà u bil-għaqal sejjer *ex ante* u mhux *ex post* ma jitlobx u ma jinsistix li jkollu konferma bil-miktub ta' "prezzijiet preċedentement u preventivament ikkomunkati" qabel ma jagħmel offerta msejsa fuq dawk il-prezzijiet. Il-qorti temmen illi, kieku verament ingħataw stimi preventivi ta' prezzijiet, dawn kienu jingħataw bil-miktub u mhux bil-fomm.

22. U jekk hu minnu dak li tallega l-konvenuta – illi l-fornituri tal-asfalt qarrqu biha billi tawha bil-fomm stima ta' prezzijiet li mbagħad irrifjutaw illi jikkonfermaw – ir-rimedju messha fittxitu kontra dawn il-fornituri u mhux mingħand l-attriċi.

23. Imbagħad, ukoll jekk naslu illi b'xi mod nemmnu illi l-konvenuta kellha stimi serji, u wkoll jekk huwa minnu li l-prezzijiet indikati sussegwentement żdiedu, dan huwa riskju li refgħet il-konvenuta meta tefgħet l-offerta tagħha: daqskemm ma kinitx sejra tnaqqas il-prezz tal-offerta likieku l-

prezz naqas, ma tistax issa tinħall mill-konsegwenzi tal-offerta jekk il-prezz għola.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, li tqisu x'aktarx fieragħ.

25. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell tħallashom is-soċjetà konvenuta appellanti, u billi l-qorti tqis illi l-appell huwa wieħed fieragħ, wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tikkundanna lill-konvenuta appellanti tħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr